Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 275 / 2019**

Il-Pulizija

(Spettur Pierguido Saliba)

vs

**Sandro (Alexander) Cassano**

Illum, 18 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Sandro (Alexander) Cassano, detentur tal-karta tal-identita' numru 9667 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti b' rizoluzzjoni wahda u cioe' bejn is-sena 2008 sas-sena 2010:

1. Kellu fil pussess tieghu karta tal-identita' jew kien fil-pussess ta' karta tal-identita' Nru 633030M ta' persuna ohra u cioe' ta' Maria Violet Cassano u naqas li jikkonsenja l-istess karta tal-identita' lill-awtorita' awtorizzata jew lid-detentur tal-istess karta tal-identita' u dan ai terminu tal-artikolu 18 tal-kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 12 tal-Kapitolu 25 tal- Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli matul l-istess perjodu ta′ zmien imsemmi hawn fuq bil-hsieb li jqarraq jew jikser l-istess dispozizzjonijiet jew jaghmel xi dikjarazzjoni falza jew bil-hsieb li jaghti xi taghrif falz jew jipproduci dokument falz zamm fil- pussess tieghu l-imsemmija karta tal-identita imsemmija fl-ewwel akkuza u dan ai terminu tal- artikolu 18 tal- Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta u l-artikolu 14 tal- Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli gewwa il-Floriana u diversi postijiet ohra fil- gzejjer ta′ Malta nhar is-6 ta′ Jannar 2009 u fi zminijiet ta′ qabel iffalsifika att awtentiku u pubbliku, jew skrittura Kummercjali (u cioe′ log book ta′ vettura CAT408) b′ falsifikazzjoni jew b′ tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f′ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied, jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ai terminu tal-artikoli 183 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati lok u taht l-istess cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u/jew ta dikjarazzjoni falza u ghamel uzu mill-istess skrittura imsemmija fl-akkuza ta′ qabel din ai terminu tal-artikolu 184, 185, 186, 187 u 188 tal- kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi din il-kawza giet deciza in prim′ istanza fit-22 ta′ Jannar 2018, minn liema sentenza sar appell mill-imputat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta datata 25 ta′ Ottubru 2018, liema sentenza annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u rrinvijat l-atti lil din il-Qorti tal-Magistrati sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skont il-ligi;

Rat illi l-partijiet ezentaw lil Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali milli terga' tisma' x-xhieda gia` prodotti u li terga' tircievi d-dokumenti diga' esebiti u qablu li l-istess dokumenti jiffurmaw parti mill-atti ta' din il-kawza.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel jum (1) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) li permezz taghha ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti titttratta u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja *ai termini* tas-segwenti artikoli u cioe`:

1. Artikoli 18 tal-Kap. 9 u Artikoli 12 u 14(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 18 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 18, 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikoli 18, 184, 185, 186, 187 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 t' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat artikoli 17 (h), 184, 185 (2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lill-imputat Sandro (Alexander) Cassano hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u ikkundannatu ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal zmien sentejn (2) mill-llum filwaqt li illiberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni stante li ma gewx ippruvati skont il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2).

Rat ir-rikors tal-appellanti Sandro Cassano minnu pprezentat fis-16 t' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u konsegwentament illiberatu.

(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravjili huma s-segwenti:

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bl-akbar rispett l-Onorabbli Qorti ma setghetx issib lill-esponent hati tat-tielet il-imputazzjoni.

It-tielet imputazzjoni titratta l-falsifikazzjoni tal-log book. Kienet l-Onorabbli Qorti stess, li fis-sentenza taghha ddikjarat li minn analizi u komparazzjoni tal-firma, l-espert kaligrafiku waslet ghal konkluzjoni li aktarx ma kienx l-esponent li ffalsifika l-firma u ghaldaqstant l-esponent ma jista qatt jigi ikkundannat li materjalment iffalsifika id-dokument pubbliku ossija log book meta huwa ittrasferixxa l-karozza f' isem ommu u lanqas li kien komplici fl-istess falsifikazzjoni.

Fir-rapport taghha, l-espert kaligrafiku Dr Juliana Scerri Ferrante tiddikjara li l-firma fuq il-log ta' Violet Cassano hija firma li normalment l-istess Violet Cassano ma tiffirmax hekk, izda minn analizi u komparazzjoni tal-firma tal-esponent Sandro Cassano l-espert kaligrafiku kkonkludiet li huwa wisq improbabli li kien hu li ffalsifika din il-firma u ghaldaqstant ma kienx hu li ffalsifika l-log book.

Illi certament ir-rapport ta' l-espert kaligrafiku ma seta' qatt ikun ikkunsidrat bhala prova sal-grad rikjest fil-kamp penali li twasal ghal htija tal-esponenti.

Bl-akbar rispett, il-konkluzjoni tal-espert hija tali li ghandha tkun ikkunsidrata "to a balance of probability" u per konsegwenza ma tistax tinkwadra ruhha bhala prova minghajr dubju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghad ghal fatt li fix-xhieda taghha l-espert tghid: "Mhux Normalment tiffirma hekk".

L-esponenti mhux biss dejjem cahad li kien involut f'xi irregolarita' izda fuq kollox huwa kellhu fil-pusses tiegu prokura generali valida li kienet amministratlu ommu stess sabiex jamministra l-beni kollha taghha u ghaldaqstant huwa seta' jitrasferixxi l-vettura t'ommu minghajr il-htiega li xjentement jaghmel uzu minn dokument falz.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi ghar-rigward ta' dikjarazzjoni falza, l-esponenti jissottometti li huwa qatt ma' ghamel dikjarazzjoni falza ghaliex il-firma kienet ta' ommu.

Fix-Xhieda tieghu l-esponenti kien konsistenti u nsista li kienet ommu li ffirmat il-log book filwaqt li l-espert kaligrafiku ma kinitx f' pozizzjoni li tikkonferma b' certezza li l-firma ma hijix t'omm l-esponent anzi stqarret li l-konkluzjoni taghha hija bbazata fuq opinjoni suggettiva.

Lanqas ma jregi l-argument li l-esponenti seta' ma ffalsifikax il-firma ta' ommu, izda ddikjara li l-firma hija ta' ommu. Dan qed jinghad ghaliex kien ikun aktar facli ghal esponent stess li jiffalsifika l-firma ta' ommu u jiddikjara li ommu iffirmat quddiemu, milli jitlob lil xi hadd sabiex jiffalsifika l-firma ta' ommu, imbghad l-esponenti jiddikjara li dik il-firma hija ta' ommu.

Bl-akbar rispett, huwa wisq improbabbli li persuna li ma tkunx iffalsifikat il-firma hi stess, tiddikjara l-awtenticita tal-istess firma.

Generalment kulhadd jiffirma l-istess izda jkun hemm cirkostanzi kif indikat l-espert stess li jwasslu sabiex persuna ma tibqax tiffirma l-istess. F' dan il-kaz, omm l-esponenti mara mdahhla sew fiz-zmien u tbati mill-mard tax-xjuhija kif tghid Dr Scerri Ferrante stess fix-xhieda taghha seta' jwassal sabiex omm l-esponenti dakinhar tal-kaz inkwistjoni ma ffirmatx ezattament kif kienet tiffirma s-soltu.

L-esponenti umilment jissottometti lifl-atti processwali ma hemm l-ebda prova konkreta li permezz taghha l-esponenti seta' jinstab hati ta' dikjarazzjoni falza.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti ir-raba' aggravju hwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-esponenti ma seta' qatt jinstab hati tar-raba imputazzjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex ladarba l-esponenti la ffalsifika dokumenti u lanqas ma ta' dikjarazzjoni falza allura bl-akbar rispett ma setghax jinstab hati li xjentement ghamel uzu minn logbook falz u/jew ta' dikjarazzjoni falza u ghamel uzu mill-istess dokument.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

Skont ma jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Mario Tonna, wara l-mewt tal-omm bl-isem ta' Maria Violetta k/a Violet Cassano, il-kwerelanti Martin Cassano u Bernardette Gatt irraportaw li kellhom suspett li l-vettura ta' ommhom setghet giet trasferita lil terzi persuni bi frodi jew firem falsifikati ghaliex skondhom ommhom ma riditx tbiegh din il-vettura. L-imputat li huwa t-tifel ta' Violet Cassano u hu l-kwerelanti tressaq il-Qorti b'numru ta' imputazzjonijiet relatati mal-pussess tal-karta tal-identtita' tal-omm, falsifikazzjoni, dikjarazzjoni falza u uzu taghhom stante li l-appellant kien iffirma bhala xhud tal-firma tal-omm fuq log book sabiex sar it-trasferiment tal-vettura tal-omm. Il-Qorti fis-sentenza appellata sabet htija tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet taht l-artikoli 17(h), 184, 185(2), 186 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti f'li l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-appellant u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Jissottomettti li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dan qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsewenzija skont l-appellant hija '*unsafe and unsatisfactory*'. Relatat ma' dan, l-appellant fit-tieni aggravju jissottometti li l-Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni li titratta l-falsifikazzjoni tal-log book.

Jissottometti li kienet l-Qorti stess li fis-sentenza taghha ddikjarat li minn analizi u komparazzjoni tal-firma, l-espert kaligrafiku waslet ghal konkluzjoni li aktarx ma kienx l-appellant li ffalsifika l-firma u ghaldaqstant l-appellant ma jista qatt jigi kkundannat li materjalment iffalsifika id-dokument pubbliku ossija log book meta huwa ittrasferixxa l-karozza f'isem ommu u lanqas li kien komplici fl-istess falsifikazzjoni. Jissottometti li fir-rapport taghha, l-espert kaligrafiku Dr Juliana Scerri Ferrante tiddikjara li l-firma fuq il-logbook ta' Violet Cassano hija firma li normalment l-istess Violet Cassano ma tiffirmax hekk, izda minn analizi u komparazzjoni tal-firma tal-esponent, l-espert kaligrafiku kkonkludiet li huwa wisq improbabli li kien hu li ffalsifika din il-firma u ghaldaqstant ma kienx hu li ffalsifika l-log book. Skont l-appellant, ir-rapport tal-espert kaligrafiku ma seta' qatt ikun ikkunsidrat bhala prova sal-grad rikjest fil-kamp penali li twassal ghal htija tal-appellant. Skond l-appellant, il-konkluzjoni tal-espert hija tali li ghandha tkun ikkunsidrata 'to a balance of probability' u per konsegwenza ma tistax tinkwadra ruhha bhala prova minghajr dubju dettat mir-raguni. L-espert tghid li mhux normalment tiffirma hekk. Jissottometti li mhux biss cahad li kien involut f'xi irregolarita' izda fuq kollox huwa kellu fil-pussess tieghu prokura generali valida li kienet amministratlu ommu stess sabiex jamministra l-beni kollha taghha u ghaldaqsant huwa seta' jitrasferixxi l-vettura t'ommu minghajr il-htiega li xjentement jaghmel uzu minn dokument falz. Filwaqt li fit-tielet aggravju ssottometta li ghar-rigward ta' dikjarazzjoni falza, l-appellant jissottometti li huwa qatt ma ghamel dikjarazzjoni falza ghaliex il-firma kienet ta' ommu. Jissottometti li fix-xhiedaa tieghu l-appellant kien konsistenti u nsista li kienet ommu li ffirmat il-log book filwaqt li l-espert kaligrafiku ma kinitx f'pozizzjoni li tikkonferma sal-grad rikjest fil-kamp penali li l-firma ma hijiex ta' omm l-appellant anzi stqarret li l-konkluzjoni taghha hija bbazzata fuq opinjoni suggettiva. Jissottometti li lanqas ma jregi l-argument li l-appellant seta' ma ffalsifikax il-firma ta' ommu izda ddikjara li l-firma hija ta' ommu ghaliex aktar facli li jiffalsifika l-firma huwa u jiddikjara li ommu ffirmat quddiemu milli jitlob lil xi hadd sabiex jiffalsifika l-firma ta' ommu imbghad l-appellant jiddikjara li dik il-firma hija ta' ommu. Jissottometti li huwa wisq improbabbli li persuna li ma tkunx iffalsifikat il-firma

tiddikjara l-awtenticita tal-istess firma. Jissottometti li generalment kulhadd jiffirma l-istess izda jkun hemm cirkostanzi kif indikat l-espert li jwasslu sabiex persuna ma tibqax tiffirma l-istess. F'dan il-kaz, omm l-appellant kienet imdahhla sew fiz-zmien u tbati mill-mard tax-xjuhija kif tghid Dr Scerri Ferrante stess fix-xhieda taghha seta' jwassal sabiex omm l-appellant dakinhar ma ffirmatx ezattament kif kienet tiffirma s-soltu. Ghalhekk jemfasizza li fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova konkreta li permezz taghha l-appellant seta jinstab hati ta' dikjarazzjoni falza. Din il-Qorti sejra tindirizza l-aggravji kollha fl-istess waqt izda mhux b'mod spezzettat.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, din il-Qorti in linea ma dak deciz mill-Qorti fis-sentenza appellata sejra tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat u ta' Yassin Ahmed. Skont l-Ispettur Mario Tonna li xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rapport gie intavolat minn Martin Casano u Bernardette Gatt ahwa tal-appellant fuq suspett li l-vettura bin-nimru ta' registrazzjoni CAT 408 li kienet registrata fuq isem ommhom li kienet mietet, setghet giet trasferita lil terzi persuni bi frodi jew firem falsifkati ghaliex skond huma ommhom ma riditx li tbiegh din il-vettura. Gew ipprezentati numru ta' dokumenti fosthom kopja ta' ittra ufficjali mibghuta lill-appellant minn Violet Cassano datata t-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) fejn kienet qieghda tirrevoka kwalsiasi prokura u awtorizzazzjoni li setghet qatt irrilaxxat lilu sa dakinhar u ghalhekk iddifidatu milli b'xi mod jiprova jidher ghan-nom taghha jew jirraprezentaha. Jirrizulta a fol 30 u mmarkata bhala Dok MT8 li Violet Cassano regghet tat prokura ohra fir-rigward tal-appellant u dan fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Yassine Ahmed xehed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn spjega li Sandro qallu li ghandu karozza '*taf lil xi hadd ghalija u kumbinazzjoni kona ghaddejjin u waqafna u rajniha. Konna jiena u hija. Rajt il-karozza u wara xi gimghatejn*

*ghidtlu: all right, nahseb ha nohodha jien il-karozza.'* Il-karozza kien raha fil-garage ghandu gewwa Birkirkara u xtraha minghandu u wara marru jeqilbuha fuq ismu. Spjega li '*L-ewwel, ghall-bidu, l-ewwel gimghatejn kellna problema biex naqilbu l-permess fuq ismi...'* Spjega li '*meta xtrajt il-karozza kellu jaqlibha fuq ismi. Ma qalibiex fuq ismi ghax jiena halastu f'darbtejn. Ma riedx jaqlibha fuq ismi ghall-bidu, ghamel naqra kummidji wara li hallastu. Ghamel xi gimgha ma bediex jaqlibha fuq ismi. U mbaghad f'daqqa wahda, millum ghal ghada gie qalli: ha naqlibha fuq ismek; ejja ghada biex naqilbuha. Cempilli fil-ghodu, ltqajna fid-disgha (9:00) ta' fil-ghodu u morna l-ADT. Kellu l-karti ffirmati, qbadna u dawwarniha. Tahom hu lil ta' l-ADT, kollox kien f'idejh.'* Qatt ma ra d-dokumenti qabel. Spjega li '*Issa hu l-karozza kien semma li ta' ommu imma qatt ma hadt interess jiena li ta ommu jew mhux ta ommu u dak iz-zmien jiena mghobbi bix-xoghol u mhux ha noqghod nidhol f'dik id-description kbira. Issa kien ghamel habta l-ewwel darba, l-ewwel gimgha, ma setax jaqleb il-log book, ghamel gimgha u mbaghad wara gimgha f'daqqa wahda qalli: irrangajt. Iffirmah il-log book.'* Dak iz-zmien ma kellux suspett. Jghid li ra l-original tal-karta f'idejn l-imputat meta marru biex jaqilbu l-karozza. Martin Cassano fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed li ra l-vettura fit-triq u cempel lil ommu jistaqsiha fejn qieghda l-vettura u qaltlu ""*mhux ghandek fil-garage ghas-service*"" *ghedtilha "le", ghidtilha "ma nafx". Cempilt lil hija lil Sandro u ghidtlu "x'numru ghandha l-karozza tal-mama", qalli "ma nafux", ghidtlu "taf li qed tigri barra?", qalli "ghax behhejtha" u daqshekk, sa hemm hekk wasalt."* Jghid li kien irraporta ghax sabu hafna citazzjonijiet u licenzja b'lura, baghtu ghal huh biex isir it-transfer u l-karozza nbieghet. Wara l-mewt ta' ommu rega mar ghand is-Sur Tonna ried ikun jaf kif sar it-transfer ta' ommu minghajr l-ID card ghax kien ghamel rapport l-ghassa li ommu tilfet il-licenzja sentejn u nofs ilu bl-ID card b'kollox. Jghid li tkellem ma hutu u qalulu li ommu ilha li tilfitha l-licenzja u l-ID card u kienet qaltlu biex jaghmlilha l-licenzja biex issuq, u qalilha li minghajr ID card u minghajr licenza ma tistax issuq. X'hin mar biex jirregistra lil ommu wara l-mewt avza lil huh biex jiehu hsieb kollox u wara disat' (9) ijiem ma marx, mar hu u talbuh l-ID card u qalilhom li mitlufa, tela' l-ghassa u ghamel rapport l-ghassa li ommu tilfet l-ID card u l-licenzja biex johrog ic-certifikati tal-mewt. Jghid li ommu nehhiet il-prokura generali

kollha fl-elfejn u sebgha (2007). Jghid li ma kienx jaf li ghamlitlu prokura generali ghax dejjem jahbi minnhom u ma jurihomx x'qed jaghmel ma ommu izda nehhieta fl-elfejn u sebgha (2007). B'referenza ghal fol 30 u cioe' prokura jghid li mar ghand in-Nutar Critien u staqsieh '*taf cert li ghamiltilha prokura?", qalli "ma nafx", ghax kien jaf li nehhietlu l-prokura generali fit-two thousand and seven (2007).*' Bernardette Gatt xehdet fl-istess seduta dwar incident li kien gie rapportat dwar l-appellant.

In-Nutar Anthony Grech Trapani xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn esebixxa testment sigriet u spjega li l-ewwel darba kienet marret ma ohtha certa Manro, qaghad jiddiskutu t-testment, imbaghad wara z-zmien spiccaw jiddiskutu u harget u wara regghet giet u ssuggerilha li taghmel dan it-testment sigriet. Spjega li qaltlu li kienet inkwetata fuq it-tifel taghha li jista '*jippuxxjha ghal testment iehor*'. Huwa rrefera ghal Sandro bhala t-tifel li semmiet u '*ghidtilha ghamel testment sigriet u nfatti ghamitl klawsla jiena apposta illi jekk it-tifel taghha jehoda taghmel testment iehor sakemm ma tirrevokax it-testment sigriet specifikament ghandu jibqa invigore. Ghax kienet inkwetata bil-pressure tat-tifel taghha.*' Dan it-testment sigriet huwa datat l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u mmarkat bhaala Dok AGT a fol 93 et sequitur. In-Nutar Edward Flores fl-istess seduta prezenta kopja awtentika ta' testment maghmul fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) u insinwat fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Prova krucjali hija r-relazzjoni tal-espert grafiku Dr Juliana Scerri Ferrante wara li kienet nominata mill-Ewwel Qorti biex tezamina l-atti kollha fil-process b'mod partikolari l-firma fuq il-karta tal-identita' ta' Violet Cassano, l-original tal-prokura datata l-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) mill-ufficju tar-Registru Pubbliku, il-logbook ipprezentat fl-atti u l-firma originali fl-ufficju tal-karti tal-identita. Il-firma in kwistjoni hija l-firma li tindika 'Violet Cassano' fuq il-logbook immarkat bhala 'Dok.SC' a fol 117. F'dan ir-rapport immarkat bhala Dok JSF1 a fol 104 et sequitur, ikkonstatat fost konluzzjonijiet ohra li:

*'Fuq kollox li firma originali ta' Violet Cassano hija espansiva, migbuda u rilassata, miktuba b'fetha fi spazzju.*

*Irid jinghad illi meta wiehed janalizza l-firma, ma jridx jibbaza biss fuq dettalji li jistghu jinbidlu peress illi kif inghad dejjem hemm vvarjazzjoni (ezempju l-ittra "v" fid- dokument JSF3 hija kurvuza ghal- kuntrarju tal- kostruzzjoni ta' din l-ittra fid-dokumenti kollha l-ohra prezentati)*

***<u>'Il- falsifikazzjoni tinstab fir- ritmu, incertezza u muviment oltra bosta indikazzjonijiet ohra'</u>***. Ikkonkludiet li *'Wara li saret l-anazlizi necessarji il- Perit Graffiku tikkonkludi illi hija l-opinjoni taghha illi il- firma ta' Violet Cassano li tinstab fuq il- log book* ***<u>ma hiex il- firma normali taghha</u>****.'* Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) Dr Juliana Scerri Ferante spjegat li *'dejjem nanalizza l-firem li ghandi quddiemi, cioe' li huma taghha, issa nistudja l-varibilita tal-firma taghha ghax kull persuna ghandu varibilita fil-firma tieghu, mhux kulhadd jiffirma l-istess, il-firma tohrog differenti siegha maz-zmien, siegha ma l-eta', siegha mal- pozizzjoni, ma hafna affarijiet, hadd ma jiffirma l-istess imma l-karataristici dejjem imbaghad johorgu. Imbaghad jiena nara whether dik il-firma li qed nezamina, jigifieri l-firma inkwistjoni taqa' fil-parametri, taqa' fil-limiti tal-varjazzjoni.'* Spjegat li *'jekk ghandek ghoxrin (20) firma quddiemek all right, inti trid tikkonsidra illi jekk qed nitkellmu per ezempju fuq ittra, ittra s gie li tiktibha hekk, gie li tiktibha hekk u gie li tiktibha hekk. Jigifieri inti trid tikkunsidra l-fatt kif tikkostuwixxi, per ezempju l-ittra s mhux dejjem bl-istess mod l-id tvarja siegha hekk u siegha hekk. Jigifieri jekk fil-firma nkwistjoni l-s taghha hija differenti milli ssoltu taghmilha sewwa, ma jfissirx illi m'ghamlitiex hi l-firma ghax inti trid tara mbaghad il-karatteristici l-ohra. Ghaliex? Ghax l-s, qed naqbad ezempju ta' mhux qed naqbad fuq l-s ghax l-s, jekk l-s hi gie li kitibha in three (3) different ways inti trid tikkonsidra dak il-fatt. Jigifiri l-fatt li l-s f'dik il-firma inkwistjoni ma hargitx kif issoltu taghmilha ghax issoltu taghmilha per ezempju like the first time sewwa, imma din harget the missed typed, xorta this is a variation of hers within her limits, allura I have to accept illi that s ghamlitha mhux hafna taghmilha hekk imma taghmilha, allura jiena ma nistax nghid li dik l-s mhix taghha. Issa mbaghad jiena ghandek karatteristici generali u karatteristici partikulari li semmejt, you are speaking about mmodicita, andament jekk axxandenti, jekk qiegheda fil-linja, hemm list shiha. Jigifieri you have to the global picture. This isnt like fingerprints, fingerpritns ghandek erbatax (14) il-unt jaqblu jew ma jaqblux (...) Issa l-handwritting hija opinjoni meta*

*tistudja kollox flimien, hija asoslutament teknika totalment diversa.*' Ikkonfermat li l-opinjoni hija soggettiva. Spjegat li '*jekk jiena nghid li hija falza anybody could have done it, fis-sens illi ma taghmilx sens li jiena niehu l-kapmjun ta' l-imputat u nghidlu ffirma Violet Cassano, it doesn't make sense.*' Spjegat li '*Jien qed nghid li mhux is-soltu firma taghha. Jiena nista nghid kif inhi mhux nghid imbaghad min ghamilha. Dawk johorgu mbaghad minn fatti ohra.*'

Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) il-Qorti fuq talba tad-difiza estendiet l-inkarigu ta' Dr Juliana Scerri Ferrante sabiex tanalizza l-kaligrafija tal-imputat biex jigi stabbilit jekk il-firma ta' ommu kinitx maghmulha minnu jew le u ghalhekk tiehu samples tal-kaligrafija u tal-firma tal-imputat sabiex taghmel ezami komparattiv mal-log book hawn fuq riferut. Fit-tieni relazzjoni ta' Dr Juliana Scerri Ferrante li tinsab a fol 183 et sequitur u mmarkata bhala JSF2 gie konkluz li:

"*1) jew il-firma ta' Violet Cassano inkitbet minn persuna ohra u mhux l-imputat, jew inkella,*
*2) Violet Cassano ddeterjorat f'sahhitha tant illi nbidlet ukoll il-firma taghha.*

*Id-differenza ma tiddependix fuq is-sena izda fuq il-persuna u l-istat taghha, liema differenza tvarja anki minn persuna ghal ohra.*
*Tibdil fil-firma jsir anki skont il-pozizjzoni tal-persuna,* ***stat fiziku u mentali*** *u specjalment jekk kienet fuq xi medikazzjoni li setghet affetwat in-nervituri tal-idejn.*'

Spjegat li '*L-Esperta kellha bizzejjed dokumenti originali fejn kien hemm il-firma taghha sabiex tikkonkludi illi l-**<u>firma fuq il-logbook ma kinitx fil-firma normali taghha</u>**, izda biex tistabbilixxi min kien l-awtur huwa aktar difficli minhabba l-fatt illi min jiffalsifika qed jghatti l-karatteristici tieghu u jimmita l-karatteristici ta' haddiehor.*' Ikkonkludiet ukoll li '*anki jekk l-awtur prova jbiddel il-karatteristici l-ohra, minhabba d-diversita kbira fil-pressjoni, l-Esperta hija tal-opinjoni u tikkonkludi illi aktarx ma kienx l-imputat li kiteb il-firma in kwistjoni.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) Dr Juliana Scerri Ferrante xehdet li ***'kont ikkonkludejt illi l-firma ta' Violet Cassar kienet inkitbet minn persuna ohra l-probabilita****, sakemm, spjegajt anke f'dan ir-rapport, sakemm il-kondizzjoni mediku taghha kien ta' certu stat illi nbidlet, iddeterjorat il-firma taghha.*' Spjegat li kkonkluiet li '*l-karattaristiku hu mportanti hafna li hija l-pressjoni li jiena nnotajt u minhabba n-nuqqas ta' dan il-karettaristiku jien nghid illi l-probabilita hija li ma kienx l-imputat li ghamel din il-firma.. insemmi xi fatt hemm differenza mhux ftit imma qawwija hafna fil-pressjoni tal-kitba. Issa pressjoni biex jiena nispjega qatt ma tista tigi imitata ghax meta xi hadd jimita firma se mai qed jimita l-kostruzzjoni, qed jimita l-firma, qed jimita hafna affarijiet, imma biex jimita l-pressjoni lanqas kwazi tigi f'raasu, qed tifhem. U dan mhux ftit, jigifieri mhux hemm ftit differenza li forsi dak li jkun he was sitting or standing allura nbidelt naqra l-pressjoni, hawnhekk qed nitkellmu fuq differenza kbira fil-pressjoni.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

L-imputat Sandro Cassano minn naha tieghu jemfasizza li kienet l-omm li ffirmat. Fix-xhieda tieghu tat-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn spjega li l-vettura tal-ghamla Renault 19 blu bin-numru ta' registrazzjoni CAT 408 kienet ta' ommu u '*kienet ilha ma ssuq tliet (3) snin u mort saqsejtha ghidtilha : Ma trid inbieghuha l-karozza halli naghmlu ftit wisgha fil-garaxx la ma intix issuq? Qaltli: F'idejk ibni, qaltli : jekk trid li nbieghuha, nbieghuha. Ersaqt ma Jasin, gie jaraha l-karozza u qalli : Nehodha, u kemm tlabtu tahomli bil-mod il-mod.*' Biegha ghal tmien mitt lira. Din il-vettura kienet registrata fuq ommu u biegha bil-kunsens taghha. Spjega li '*Inzilna l-ADT flimkien, talbuni l-firma tal-mama , ghidtilhom : Il-mama ma tistax tinzel hawn ghax ghandha z-zmien, qaluli : Tiffermalek hawn fuq il-log book, tlajt id-dar ghidtilha : Ma trid tiffirmali hawn u ffirmatli fil-kamra ta' l-ikel Sinjura Magistrat u nzilt lura bil-log book.*' Spjega li kellu prokura generali u ma uzahiex. Ma kellha l-ebda problemi medici, l-unika medicini li kienet ilha tehodha zmien izda kienet f'sensiha mija fil-mija. Innega li kienet bedridden. Spjega li '*Jiena nzilt l-ADT bil-firma tal-mama fuq il-logbooku sar it-transfer, li tlabuni ghamilt.*' Spjega li '*Meta nieghet kienu jafu, huti kienu jafu li nbieghet il-karozza. Hija stess cempilli u qalli fuq it-telephone, qalli : Dik il-karozza qed tigri barra. Ghidtlu : Dik il-karozza behhejniha. Inzilt il-*

*garaxx ghandu, kien hem it-tifel tieghu qalli : Kemm behhejtha uncle il-karozza ? Ghictlu : Tmien mija (800) Maltin behhejniha l-karozza. Qalli : Tajjeb gbart ta'dik il-bicca mbarazz, dak kollox.*' Il-karozza behhewha f'Jannar. Mistoqsi ghala ma uzax il-prokura generali wiegeb li '*Ghax il-mama kienet f'sessiha u ffirmat hi hu, hi ffirmat.*' Spjega li l-prokura generali kienet tawtorizzah jaghmel kollox. Xehed li ommu mietet fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu u l-karozza inbieghet f'Jannar ta' qabel. Mistoqsi kif kienet il-pozizzjoni medika ta' ommu wiegeb li '*Kienet tajba hafna, ghalkemm jippruvaw li bedridden li ma hi vera xejn*'. Ikkonferma li fuq il-logbook hemm il-firma ta' ommu u tax-xhud tieghu. Hu ffirma bhala xhud u ommu ffirmat il-firma taghha. Xehed li ommu ffirmat id-dar, hu niezel l-ADT u qalulu li jrid jiffirma bhala xhud. In kontro-ezami spjega li ommu kienet revokat prokura izda kienet ghamlet ohra. Kienet fis-sehh meta biegh il-karozza. Spjega li bhala medicina kienet tiehu kalmanti li kienet ila tiehu. Ikkonferma li kienet taf tikteb. Emfazizza li ommu ffirmat u sa fejn jaf hu ma kien hemm hadd iehor meta ffirmat. Il-mara u t-tfal kienu jghixu mieghu. Il-kalmanti kienet ilha tiehodhom xi hamsin (50) sena, mis-separazzjoni ta' ommu u missieru.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta ghalhekk mir-relazzjonijiet tal-espert grafiku Dr Juliana Scerri Ferranti li l-firma li tinsab fuq il-logbook in kwistjoni ma kinitx is-solitu firma ta' Maria Violetta k/a Violet Cassano. L-Espert kienet ikkonstatat fir-rapport immarkat bhala Dok JSF1 a fol 104 et sequitur li '*Wara li saret l-anazlizi necessarji il- Perit Graffiku tikkonkludi illi hija l-opinjoni taghha illi il- firma ta' Violet Cassano li tinstab fuq il- log book* ***ma hiex il- firma normali taghha***.' Fit-tieni relazzjoni ta' Dr Juliana Scerri Ferrante li tinsab a fol 183 et sequitur u mmarkata bhala JSF2 gie konkluz li:

"*1) jew il-firma ta' Violet Cassano inkitbet minn persuna ohra u mhux l-imputat, jew inkella,*
*2) Violet Cassano ddeterjorat f'sahhitha tant illi nbidlet ukoll il-firma taghha.*'

Ghalhekk l-espert mhux biss spjegat li Violet Cassano mhux normalment tiffirma hekk izda anke provdiet cirkostanzi li tahtom firma tista' tinbidel. Illi ghalkemm jirrizulta li Violet Cassano kienet ta' eta' avvanzata, ma jirrizultax li kienet tbaghti minn xi kundizzjoni medika jew li kienet taht trattament li jaffetwa n-nervituri. L-unici certifikati medici prezentati in atti kienu *ai fini* ta' kapacita' testamentarja u ghalhekk ma jirrizultax li Violet Cassano kienet inflitta minn mard li setgha affetwa l-firma taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti kien jispetta lid-difiza li tressaq prova li l-firma ta' Violet Cassano inbidlet fl-istess zmien li gie ffirmat il-log book jew li fiz-zmien li giet trasferiti l-vettura omm l-appellant kienet inflitta minn xi kundizzjoni medika li affetwat il-firma taghha. Id-difiza ma ressqet l-ebda prova dwar dan, anzi meta xehed l-appellant huwa kkonferma li ma kellha l-ebda problemi fizici u li l-unici pirmli li kienet tiehu kienu kalmanti u dawn ghal madwar hamsin (50) sena. Ghalhekk certament li ma kien hemm l-ebda raguni ghala l-firma ta' Violet Cassano kellha tvarja bil-mod li ddiskreviet mill-espert kalligrafiku. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-appellant fejn fit-tieni aggravju ssottometta li l-konkluzjoni tal-espert ghandha tkun ikkunsidrata '*to a balance of probability*' u li ma tistax tinwadra ruhha bhala prova minghajr dubju dettat mir-raguni. L-espert ikkonkludiet li dik ma kinitx is-solitu firma tal-omm u provdiet cirkostanzi taht liema l-firma setghet tvarja, kien umbghad jispetta lid-difiza li tiprova li fl-istess perjodu l-firma tal-omm kienet inbidlet.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

'*Illi l-esperta Dr. Juliana Scerri Ferrante ikkonkludiet li l-firma fuq il-log book ma kinitx il-firma normali ta' Maria Violet Cassano. L-istess esperta kienet ukoll tal-opinjoni illi l-istess firma aktarx ma kinitx lanqas tal-imputat. Id-difiza tissottometti illi peress li omm l-imputat kienet mara avvanzata fl-eta` u tbati minn xi kundizzjonijiet medici, seta' jaghti l-kaz li l-firma kienet tvarja xi ftit minn dik normali taghha.*

*Illi madankollu, din il-Qorti ma tistghax tiskarta l-opinjoni ta' esperta jekk ma jkollhiex*

*ragunijiet serji ghala taghmel dan.*

*Jirrizulta illi l-log book in kwistjoni ttiehed ghand l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta f'Jannar 2009. Mill-atti jirrizulta illi l-firma ta' fuq il-log book giet imqabbla ma' dik fuq numru ta' dokumenti ohra, fosthom zewg testmenti maghmula f'April 2008 u iehor tal-14 ta' Mejju 2009. Ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, meta l-esperta ghamlet komparazzjoni hija kellha firem ohra li maghom setghet tikkompara li kienu presso poco tal-istess perjodu. Illi wara li l-Qorti rat ir-ragunijiet li abbazi taghhom waslet ghall-konkluzzjoni taghha l- espert tal-kalligrafija, m'ghandha l-ebda raguni ghala tiskarta tali konluzzjonijiet.*'

Din il-Qorti taqbel ma din il-kunsiderazzjoni ghajr ghar-referenza ghal testment tal-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009), liema sena ghandha taqra l-elfejn u sebgha (2007) skont kopja tat-testment sigriet immarkat bhala Dok AGT a fol 93 et sequitur u vera kopja tal-istess testment li jinsab fl-envelop a fol 55a. Fir-relazzjoni tal-espert grafiku a fol 106 l-espert ukoll taghmel referenza ghal dan it-testment datat l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) izda jirrizulta li dan it-testment sigriet kien datat l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Din il-Qorti sejra tqis jekk setghetx tinstab htija tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet.

Illi t-tielet imputazzjoni taqra:

'*U aktar talli gewwa il-Floriana u diversi postijiet ohra fil- gzejjer ta' Malta nhar is-6 ta' Jannar 2009 u fi zminijiet ta' qabel iffalsifikajt att awtentiku u pubbliku, jew skrittura Kummercjali (u cioe' log book ta' vettura CAT408) b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhalt dawn il-pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zidt, jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi*

*dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ai termini tal-artikoli 183 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;'*

L-appellant fl-appell tieghu fost sottomissjonijiet ohra fit-tieni (2) aggravju ssottometta li l-Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni li titratta l-falsifikazzjoni tal-log book. Jissottometti li kienet l-Qorti stess li fis-sentenza taghha ddikjarat li minn analizi u komparazzjoni tal-firma, l-espert grafiku waslet ghal konkluzjoni li aktarx ma kienx l-appellant li ffalsifika l-firma u ghaldaqstant l-appellant ma jista qatt jigi kkundannat li materjalment iffalsifika id-dokument pubbliku ossija log book meta huwa ittrasferixxa l-karozza f'isem ommu u lanqas li kien komplici fl-istess falsifikazzjoni.

Din il-Qorti tqis li gie stabbilit li huwa wisq improbabli li kien l-akkuzat li ffalsifika l-firma fuq il-log book in kwistjoni izda gie stabbilit ukoll li huwa kien iffirma bhala xhud tal-firma u bhala xhud tal-firma, la darba l-espert ikkonkluda li din ma kinitx is-solita firma ta' Violet Cassano u ma tressqet l-ebda prova da parti tad-difiza li tipprova li kien hemm ragunijiet medici u lanqas dokumenti ohra li jippruvaw li l-firma ta' Violet Cassano kienet inbidlet, ifisser li l-log book kien jikkontjeni firma falza u li l-akkuzat ghamel dikjarazzoni falza u cioe' li kien xhud ta' din il-firma. Il-fatt li kellu prokura u li ghalhekk setgha ttrasferixxa l-vettura minghajr il-htiega tal-firma tal-omm ma jbiddel xejn. Ghalhekk jirrizulta li anke jekk l-appellant ma kienx il-persuna li ffirma minflokk ommu, il-fatt li ddikjara li kien xhud tal-firma ifisser li mhux biss li kien jaf li l-firma ma kinitx tal-omm u ghalhekk firma falza izda anke li ghamel dikjarazzjoni falza meta ddikjara li huwa xhud ta' dik il-firma.

Stabbiliti dawn il-fatti, jirizulta izda li t-tielet akkuza hija bbazzata fuq l-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avukat Generali ghat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet indika l-artikoli 183 sa 188. L-Ewwel Qorti ma sabitx htija taht l-artikolu 183 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda fost artikoli ohra, taht l-artikolu 188. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 188 jipprovdi li:

'*Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*'

Ghalhekk ghalkemm kif korrettament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti l-imputat iddikjara lilu nnifsu bhala xhud tal-firma tal-omm fuq il-log book u stante li gie stabbilit li din il-firma kienet falsifikata anke jekk minn terzi, huwa ovvju li kien konsapevoli li din kienet falsifikata izda stante li ma jirrizultax pruvat li l-appellant materjalment iffalsifika l-log book u cioe' ma giex pruvat li kien hu li ffirma minflokk l-omm, huwa ma setghax jinstab hati tat-tielet (3) imputazzjoni marbuta mal-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet sejra tirrevoka fejn sabet htija tat-tielet (3) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' imputazzjoni taqra '*U aktar talli fl-istess dati lok u taht l-istess cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza u/jew ta dikjarazzjoni falza u ghamilt uzu mill-istess skrittura imsemmija fl-akkuza ta' qabel din ai terminu tal-artikolu 184, 185, 186, 187 u 188 tal- kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

L-appellant jissottometti li qatt ma seta' jinstab hati tar-raba' (4) imputazzjoni ghaliex ladarba l-appellant la ffalsifika dokumenti u lanqas ma ta' dikjarazzjoni falza, allura ma

setghax jinstab hati li xjentement ghamel uzu minn logbook falz u/jew ta' dikjarazzjoni falza u ghamel uzu mill-istess dokument. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan ir-ragunament. Gialadarba jirrizulta li mhux biss l-appellant ghamel dikjarazzjoni falza meta ddikjara li kien xhud tal-firma izda anke li l-akkuzat ghamel uzu minn dan il-log book, isegwi li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tar-raba' (4) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-appellant ma ressaq l-ebda aggravju ad hoc dwar il-piena izda ghamel talba minghajr pregudizzju ghat-talbiet l-ohra sabiex tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa fic-cirkostanzi tal-kaz. F'dan il-kaz partikolari l-Qorti fis-sentenza appellata kkundannat lil appellant ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, liema piena mhijiex wahda esagerata fic-cirkostanzi tal-kaz. Kif qieset il-Qorti fis-sentenza appellata '*gie rez fix-xejn dak li proprju trid tittutela l-ligi, u cioe' li min joqghod xhud ta' firma ikun fil-fatt ra lill-persuna koncernata tiffirma fuq id-dokument.*' Izda gialadarba l-htija qieghda tigi kkonfermata biss rigwardanti r-raba' (4) izda mhux it-tielet (3) imputazzjoni, din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-akkuzat ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u minflokk sejra tikkundanna lill-akkuzat ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija li *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tar-raba' (4) imputazzjoni, tirrevoka fejn sabet htija tat-tielet (3) imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-appellant ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u minflokk tikkundanna lill-appellant ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija li *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn mil-lum.

Il-Qorti *ai termini* tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fissret lil hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe' f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur